V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10448 — MABANAFT / H&R / P2X)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 8/02)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mabanaft GmbH & Co. KG ("Mabanaft", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-Grupp Marquard & Bahls, li l-kumpanija omm apikali tiegħu hija Marquard & Bahls AG (il-Ġermanja),

— H&R GmbH & Co. KGaA ("H&R", il-Ġermanja), bħala l-kumpanija omm apikali tal-Grupp H&R,

— P2X-Europe GmbH & Co. KG ("P2X", il-Ġermanja).

Mabanaft u H&R jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' P2X.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Mabanaft: Mabanaft hija parti mill-Grupp Marquard & Bahls, li huwa attiv fil-provvista, il-kummerċ u l-loġistika tal-enerġija, il-prodotti taż-żejt u l-kimiċi,

— għal H&R: H&R hija parti mill-Grupp H&R. L-attivitajiet ewlenin tal-Grupp H&R jinkludu l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-mili u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti kimiċi farmaċewtiċi speċjali bbażati fuq żejt mhux raffinat bħal żjut tal-ipproċessar, plastifikanti, żjut bojod, żjut bażi u paraffini,

— għal P2X: L-attivitajiet tal-P2X jikkonċernaw l-hekk imsejħa teknoloġija u negozju tal-PTx. PTx tfisser proċessi ta' konverżjoni tal-enerġija li jintużaw biex preferibbilment sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġu kkonvertiti fi prodotti finali sintetiċi bħal gassijiet, likwidi, prodotti kimiċi jew sħana. L-impjanti tal-PTx jistgħu jipproduċu idrokarburi sintetiċi mill-ilma u mid-diossidu tal-karbonju bl-użu tal-enerġija elettrika. Prodotti possibbli tal-PTx huma, pereżempju, e-fjuwils sintetiċi u newtrali għall-klima bħall-petrol, id-diżil, il-karburant tal-ġettijiet jew ix-xama'.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibgħatulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10448 – MABANAFT / H&R / P2X

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.